L-Università ta' Malta

# Linji Gwida Komprensivi għall-Użu tal-Lingwa fl-Università ta' Malta

**Werrej**


1. Prologu 2

2. Il-Pjan Strateġiku tal-UM 2

3. Il-Prinċipji u l-Għanijiet 3

4. Il-Motivazzjoni: B'Risq Politika Lingwistika għall-UM 4

5. Il-Kuntest u l-Isfidi 6

6. Żviluppi Riċenti fl-Edukazzjoni Ogħla 9

7. Il-Politika Lingwistika tal-UM fl-2021 11

8. It-Termini ta' Referenza u l-Metodoloġija 13

9.' L-Aqwa Prattiċi' għall-Użu tal-Lingwa 14

10. Diskrezzjoni 23

11. Applikabbiltà 24

12. Il-Format tal-Mistoqsijiet Komuni 23

13. L-Istrutturi ta' Għajnuna 25

ANNESS – Ir-riżultati ta' stħarriġ elettroniku fost l-istudenti, l-istaff amministrattiv u akkademiku tal-UM fir-rebbiegħa tal-2020 28

Il-Metodoloġija 28

Il-Parteċipanti 28

Is-Sejbiet Ewlenin fil-Qosor 29

Ċaħda 29

L-użu tal-lingwa u l-profiċjenza tal-persuna ddikjarati minnha stess 29

L-attitudnijiet lejn il-lingwa u l-identifikazzjoni kulturali 30

Il-lingwa fuq il-kampus 30

Il-lingwa fil-klassi (akkademiċi) 30

Il-lingwa fil-klassi (studenti) 31

L-Eżamijiet 31

Il-komunikazzjoni mal-kollegi 31

Interess f'lingwi oħra apparti l-Malti u l-Ingliż 31

# 1. Prologu

1.1 Fl-2019 l-Università ta' Malta (UM) iċċelebrat il-250 anniversarju tagħha bħala 'Università tal-Istudji Ġenerali' f'Malta. Għal ħafna snin matul dan il-perjodu u fiż-żmien ta' qabel meta kienet għadha Kulleġġ tal-Ġiżwiti, il-lingwa ewlenija ta' struzzjoni fl-UM kienet il-Latin, li mbagħad ħadlu postu t-Taljan, u aktar tard l-Ingliż. L-UM kienet ilha stabbilita għal sekli sħaħ meta Malta saret stat indipendenti u sovran fl-1964. Għalhekk, tul l-istorja twila tagħha, l-UM kellha karattru u dispożizzjoni internazzjonali filwaqt li fl-aħħar snin żviluppat l-irwol tagħha li tkun minn ta' quddiem biex tmantni u tippromwovi l-kultura u l-lingwa lokali.

# 2. Il-Pjan Strateġiku tal-UM

2.1 Il-*Pjan Strateġiku tal-UM 2020-25* [EN; MT] jirreferi għall-missjoni tal-UM, kemm minn perspettiva nazzjonali kif ukoll internazzjonali. L-impenji strateġiċi li joħorġu minn dan il-Pjan Strateġiku għall-2019-2020 – l-ewwel sena tal-implimentazzjoni tiegħu – jinkludu l-impenn li "niżviluppaw politika lingwistika" u li "naraw li jkollna politika lingwistika dinamika għall-Università." Dan il-Pjan approvat mill-UM wara sensiela estensiva ta' konsultazzjonijiet, jirrakkomanda u jippromwovi, qabelxejn, l-Ingliż bħala l-lingwa ta' struzzjoni, filwaqt li jagħraf il-ħtieġa li jappoġġja l-Malti, il-lingwa nazzjonali.

2.2 Dan id-dokument jinkludi għadd ta' linji gwida komprensivi dwar l-użu tal-lingwa fl-Università ta' Malta. Qed ikun propost għad-diskussjoni u biex jiġi adottat mis-Senat tal-Università f'Ġunju 2021, ladarba hemm il-fehma komuni li hu l-waqt li nirriflettu fuq l-istat kontemporanju tal-lingwa fuq il-kampus tal-UM.[1]

[1] Nirringrazzjaw lill-akkademiċi li ġejjin għall-għajnuna tagħhom fit-tfassil ta' dan id-dokument u fl-iżvilupp u l-analiżi tal-istħarriġ empiriku ta' miegħu: Mario Aquilina (id-Dipartiment tal-Ingliż); Ray Fabri (l-Istitut tal-Lingwistika u t-Teknoloġija tal-Lingwa); Albert Gatt (l-Istitut tal-Lingwistika u t-Teknoloġija tal-Lingwa); Gillian Martin (id-Dipartiment tas-Soċjoloġija); Sergio Portelli (id-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija u l-Interpretar); Michael Spagnol (id-Dipartiment tal-Malti); Lonneke van der Plas (l-Istitut tal-Lingwistika u t-Teknoloġija tal-Lingwa); u Odette Vassallo (iċ-Ċentru tal-Profiċjenza fil-Lingwa Ingliża).

# 3. Il-Prinċipji u l-Għanijiet

3.1 Politika Lingwistika – abbozzata, imxerrda u implimentata – hija pass importanti ’l quddiem għall-ħolqien ta’ prattika sana tal-lingwa fl-Università ta’ Malta.

3.2 Qabelxejn, qed jingħataw il-prinċipji u l-għanijiet tal-Politika Lingwistika. Dawn il-prinċipji huma meħtieġa biex iservu ta’ bażi għall-politika, filwaqt li d-dikjarazzjoni tal-għanijiet hi utli biex ikun hemm sens ċar ta’ direzzjoni. Li jitniżżlu iswed fuq l-abjad il-prinċipji u l-għanijiet li ħafna minnhom huma impliċiti fid-dokument, hi ħaġa importanti għax fuqhom tkun tista’ tissejjes il-lista tar-rakkomandazzjonijiet imniżżlin b’mod ċar f’dan id-dokument.

3.3 Il-**prinċipji** ewlenin għall-Politika Lingwistika tal-Università ta’ Malta jinkludu li:

(a) bħala riflessjoni tal-esperjenzi li ngħixu f’Malta kontemporanja, l-Università ta’ Malta tagħraf, kif jixraq, it-tliet lingwi uffiċjali tal-pajjiż: il-Malti, l-Ingliż, u l-Lingwa tas-Sinjali Maltija.

(b) bħala waħda mill-akbar impjegaturi f’Malta, l-Università ta’ Malta tagħti eżempju billi tara li jkun hemm spirtu ta’ rispett u inklużività reċiproka, u li l-parteċipanti tagħha, dawk li jipprovdulha servizz, dawk li jżuruha, il-klijenti u l-impjegati tagħha ma jħossuhomx esklużi, marġinalizzati jew diskriminati b’xi mod minħabba l-lingwa nattiva tagħhom jew il-lingwa li jippreferu.

(ċ) bħala l-istituzzjoni ewlenija pubblika ta’ edukazzjoni ogħla f’Malta, l-Università ta’ Malta għandha rwol essenzjali li trawwem eċċellenza lingwistika u tippromwovi l-multilingwiżmu, il-multikulturaliżmu u l-komunikazzjoni interkulturali fuq il-kampus tagħha u lil hinn minnu; għalhekk tappoġġja lill-membri kollha tal-komunità akkademika tagħha biex taħdem b’mod effettiv fis-soċjetà tagħna li, kulma jmur, qed issir aktar multilingwi u multikulturali.

(d) bħala entità edukattiva stabbilita ta’ kwalità, f’kuntest reġjonali u globali, l-Università ta’ Malta għandha d-dover li tipprovdi kull opportunità lill-membri kollha tal-komunità tagħha biex ikomplu jtejbu l-ħiliet u r-repertorji lingwistiċi matul l-esperjenza tagħhom fid-dinja tax-xogħol.

3.4 Dawn il-prinċipji jissarrfu f’**għanijiet** għall-Politika Lingwistika, fost l-oħrajn, biex:

(a) jinħolqu miżuri konkreti li bihom jingħarfu kif jixraq it-tliet lingwi uffiċjali ta’ Malta: il-Malti, l-Ingliż, u l-Lingwa tas-Sinjali Maltija (LSM).

(b) ikun hemm qafas b'saħħtu għall-provvista sostenibbli ta' servizzi li bihom il-membri kollha tal-komunità tal-Università jkunu jistgħu jaħdmu b'mod effettiv u kif jixraq fis-soċjetà tagħna li kulma jmur qed issir aktar multilingwi u multikulturali.

(ċ) jingħata l-appoġġ lill-membri kollha tal-komunità Universitarja li jkollhom bżonn jew ikunu jixtiequ jkomplu jtejbu l-ħiliet u r-repertorji lingwistiċi tagħhom tul ħajjithom.

(d) iservu ta' bażi u jiżguraw baġit għall-bżonnijiet u r-riżorsi infrastrutturali meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti.

# 4. Il-Motivazzjoni: B'Risq Politika Lingwistika għall-UM

4.1 Dawk li jitkellmu u jifhmu lingwa *waħda biss*, il-komunikazzjoni u l-medjazzjoni tagħhom mad-dinja jsiru esklużivament b'dik il-lingwa. Madankollu, dawk li jitkellmu jew jifhmu *żewġ* lingwi jew aktar, ikunu aktar versatili biex jagħżlu l-lingwa li jkunu jixtiequ jużaw meta jitkellmu, jiktbu jew jaqraw u, possibbilment, anke meta jkellmuhom.

4.2 Fl-UM il-maġġoranza tan-nies jitkellmu b'aktar minn lingwa waħda. L-iżjed lingwi komuni li jintużaw fl-UM huma:

(a) L-Ingliż (EN) – il-lingwa ta' struzzjoni u l-assessjar f'madwar 95% tat-taqsimiet/programmi ta' studju. Huwa l-lingwa nattiva/it-tieni lingwa/il-lingwa ta' kompetenza ta' diversi membri tal-komunità (mhux Maltija) tal-kampus, fosthom ta' madwar 100 impjegat akkademiku full-time; 1,100 student internazzjonali; 400 student viżitatur fis-sena; u ta' għadd ta' studenti Maltin, inklużi dawk b'mill-anqas ġenitur/kustodju wieħed li twieled barra minn Malta. Billi l-UM hija istituzzjoni ta' riċerka u tagħlim, il-membri tal-fakultajiet u l-istudenti tagħha kontinwament jgħallmu u/jew jirriċerkaw oqsma ta' importanza jew relevanza reġjonali u internazzjonali għall-pubbliku globali, reġjonali u/jew domestiku u bl-intenzjoni li jaqsmu dan it-tagħrif u jippubblikawh barra minn Malta. F'dawn il-każi kollha, il-medju ppreferut għall-kitba u t-taħdit huwa l-Ingliż. Għalhekk, fl-irwol akkademiku tagħha, l-UM (s'issa) irnexxiet, jekk mhux bħala istituzzjoni monolingwi, imma bħala istituzzjoni li enfasizzat l-użu tal-Ingliż bħala l-medju ta' struzzjoni, l-assessjar u – anke għal raġunijiet prattiċi li jaffettwaw l-akkademja fi kwalunkwe post fid-dinja – bħala l-medju tal-pubblikazzjoni għall-maġġorparti tar-riċerka tagħha.

(b) Il-Malti (MT) – il-lingwa nattiva ta' madwar 85% tal-istudenti kollha; ta' madwar 90% tal-impjegati kollha; u ta' daqs 90% tal-viżitaturi tal-kampus. Minħabba l-irwol nazzjonali tal-Università, bħala l-unika istituzzjoni tal-edukazzjoni terzjarja tad-daqs, l-istatura u l-istat tagħha, u bħala l-istituzzjoni pubblika ewlenija fis-settur tal-edukazzjoni terzjarja f'Malta, il-missjoni u r-responsabbiltà tagħha li tindirizza l-ħtiġijiet domestiċi u nazzjonali huma

inekwivokabbli. Il-profiċjenza fil-MT mediku hija mandatorja fl-Iskola Medika tal-UM;[2] u l-profiċjenza fl-EN u fil-MT hija meħtieġa għall-istudenti li jsegwu korsijiet fil-livell ta' BA (Unuri) fl-Edukazzjoni u l-Ħarsien tat-Tfal fl-Età Bikrija (ECEC), kif ukoll fil-Masters fit-Tagħlim (MTL). Il-programmi ta' tagħlim u l-isforzi ta' riċerka fl-UM huma wkoll motivati ħafna drabi mill-ħtiġijiet u l-iżviluppi f'livell nazzjonali. Eżempji riċenti jinkludu t-twaqqif taċ-Ċentru għat-Teknoloġija tar-Reġistru Distribwit; il-ftuħ tad-Diploma Postgradwatorja fl-Interpretar tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija; u l-għadd ta' taqsimiet-studju li bdew jiġu offruti miċ-Ċentru għall-Arti u x-Xjenzi Liberali. Fi wħud minn dawn, il-lingwa ta' struzzjoni u komunikazzjoni hija l-Malti.

Il-kelliema tal-Malti jistgħu jkunu wkoll bidjalettali: jitkellmu l-Malti Standard u wieħed mid-djaletti tal-Malti, fi gradi differenti (Vella, 2013).[3]

Il-koinċidenza bejn dawk li jużaw l-EN u l-MT hija kbira, imma mhix komprensiva: il-maġġoranza tal-istudenti barranin ma jafux il-MT u xi studenti Maltin iħossuhom skomdi jitkellmu, jew li xi ħadd ikellimhom, bl-EN. Minkejja dan, illum il-bilingwiżmu (EN/MT) huwa ċ-ċavetta għas-suċċess fil-maġġoranza tal-irwoli professjonali f'Malta.

(ċ) Il-Lingwa tas-Sinjali Maltija (LSM) – L-għarfiern tal-lingwa tas-sinjali jżid aktar valur f'kull ħidma professjonali fi ħdan ambjenti soċjali speċifiċi mqar f'Malta. Aktar u aktar mill-2016 'l hawn, meta l-Lingwa tas-Sinjali Maltija saret lingwa uffiċjali ta' Malta. Hawn, l-Università ta' Malta għandha tkun ta' eżempju. Partikolarment f'avvenimenti pubbliċi ta' profil għoli u f'attivitajiet oħra meta l-midja tkun preżenti, billi tqis id-disponibbiltà tal-interpretar bil-LSM bħala 'l-aqwa prattika'.

(d) Lingwi Oħra – Apparti dan, fl-UM jintużaw ukoll lingwi oħra. Sal-11-il Sena, l-istudenti fl-iskejjel Maltin ikunu esposti għat-tielet lingwa. Fuq il-kampus, ngħidu aħna, hawn komunità mdaqqsa ta' Taljani u kelliema tat-Taljan. L-istudenti u l-impjegati minn gruppi distinti tat-'tielet lingwa' (eż. kelliema tal-Għarbi jew tal-Mandarin) jiltaqgħu għal skopijiet soċjali u/jew akkademiċi. Ħafna minn dawn l-attivitajiet jistgħu ma jkunux attivitajiet uffiċjali tal-UM. Fl-UM hawn ukoll diversi dipartimenti tal-lingwi: ħafna minnhom fi ħdan il-Fakultà tal-Arti, fejn mill-anqas erba' lingwi oħra (minbarra l-EN u l-MT) – il-Franċiż, il-Ġermaniż, it-Taljan u l-Ispanjol – huma mgħallmin, użati u pprattikati. Insibu wkoll id-Dipartiment tal-Lingwi u l-Istudji Umanistiċi fl-Edukazzjoni fi ħdan il-Fakultà tal-Edukazzjoni.

---

[2] Madankollu, il-Malti Mediku *waħdu,* aktar ma jmur, jaf ma jkunx biżżejjed għat-tħejjija tal-infermiera, tad-dentisti jew tal-istudenti tal-mediċina minħabba li numru sinfikanti ta' pazjenti li jiltaqgħu magħhom f'Malta għandhom mnejn ma jkunux jitkellmu l-Malti.

[3] Vella, A. (2013). 'Languages and language varieties in Malta'. *International Journal of Bilingual Education and Bilingualism*, 16(5), 532-552.

4.3 Għalhekk, fl-irwol nazzjonali tagħha, l-UM taħdem ukoll u sservi soċjetà li – bil-liġi – hi rikonoxxuta bħala plurilingwi: il-Malti, l-Ingliż, u l-Lingwa tas-Sinjali Maltija huma l-lingwi uffiċjali f'Malta. Lil hinn minn dan, is-soċjetà Maltija hi, fil-prattika, multilingwi ħafna: il-biċċa l-kbira tar-residenti huma komdi jużaw il-Malti, l-Ingliż jew iż-żewġ lingwi; u qed jiżdied in-numru ta' residenti li jitkellmu b'lingwi oħra minħabba d-diversità demografika li qed tkompli tikber. Fl-UM, b'ċerti eċċezzjonijiet speċifiċi, il-lingwa ta' *struzzjoni* u *assessjar* hija l-EN. Madankollu, skont is-sitwazzjoni partikolari, il-lingwa/i magħżula/magħżulin għall-*komunikazzjoni* – kemm jekk miktubin, mitħaddta jew bis-sinjali – jaf tvarja/ivarjaw skont il-prominenza ta' ċerta lingwa u l-preferenzi lingwistiċi partikolari – primarjament tal-istudenti; u b'mod sekondarju, tal-letturi – ħaġa mill-aktar evidenti f'Malta tas-seklu 21.

4.4 Minħabba din is-sitwazzjoni, huwa importanti li nagħrfu u nartikolaw dak li qed jiġi propost bħala 'l-aqwa prattika' fl-użu tal-lingwa fl-UM. Dan jinkludi t-tfassil ta' linji gwida fuq kif għandna naġixxu f'xenarji differenti li huma parti mill-ħajja tal-kampus u li jaf ikunu jirrikjedu strateġiji differenti fl-użu tal-lingwa.

4.5 Dawn il-linji gwida jridu jinkludu l-impenn tal-UM b'risq (1) l-internazzjonalizzazzjoni u, għalhekk, l-impenn tagħha favur l-użu tal-EN bħala l-lingwa naturali ta' struzzjoni; (2) l-iżvilupp nazzjonali – l-UM għandha rwol kruċjali fid-difiża u l-ħarsien tal-kultura, il-lingwa u l-istudju akkademiku Malti; u (3) l-appoġġ għat-'tielet lingwi' billi tħeġġeġ kompetenza trilingwi fost il-pubbliku Malti.

4.6 Il-politika lingwistika tal-UM trid tirrifletti dawn l-aspirazzjonijiet diversi. Trid tindika b'mod ċar meta jkun xieraq li jintuża l-EN, meta l-MT, meta għandu jkun hemm kombinazzjoni jew sekwenza tat-tnejn, meta trid tintuża t-tielet lingwa, jew meta l-għażla tista' titħalla f'idejn il-kelliema.

4.7 Il-politika lingwistika għandha tagħmel ukoll lill-gruppi diversi u lil dawk li jqattgħu ħinhom l-UM konxji mill-firxa lingwistika li tħaddan u kif jistgħu jibbenefikaw l-aktar minn din ir-rikkezza lingwistika filwaqt li jiġu evitati l-frustrazzjoni u l-aljenazzjoni.

# 5. Il-Kuntest u l-Isfidi

5.1 Irridu nammettu li x-xenarju lingwistiku ta' Malta huwa "kumpless ħafna"[4], u qed ikompli jsir hekk bl-influss ta' ħafna residenti barranin. Il-Malti kien iddikjarat lingwa uffiċjali, mal-Ingliż, fl-1934. Wara l-Indipendenza, fl-1964, il-Malti kien iddikjarat l-lsien nazzjonali u l-Ingliż beda

[4] Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol (2015). *Language education policy profile: Malta*. Valletta, Malta: MEDE u l-Kunsill tal-Ewropa, p. 13. Meħud minn: https://rm.coe.int/language-education-policy-profile-malta/16807b3c39; Sciriha, L. u Vassallo, M. (2001). *Malta: A linguistic landscape*. L-Imsida, Malta: Malta University Press.

jassumi rwol kostituzzjonali sussidjarju bħala lingwa uffiċjali flimkien mal-Malti. Fl-2004 Malta daħlet fl-Unjoni Ewropea, u l-Malti sar lingwa uffiċjali tal-UE.

5.2 Il-Malti hu l-iżjed lingwa mitkellma f'Malta. Kemm iċ-ċensiment tal-2011[5] u stħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2012[6] irrappurtaw li l-MT dak iż-żmien kien il-lingwa materna ta' madwar 95-98% tal-popolazzjoni residenti. Persentaġġ żgħir ta' Maltin kienu qalu li l-Ingliż huwa wkoll il-lingwa materna tagħhom.[7] Barra minn hekk, minkejja li l-Malti hu użat u jilħaq numru żgħir ta' kelliema, għandu wkoll numru ta' djaletti – bħax-Xlukkajr (Incorvaja, 2007), jew in-Naduri (Said, 2007) – li rnexxielhom jibqgħu ħajjin minkejja l-globalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni.[8] Fl-istess waqt, fid-dominju privat l-interazzjoni fil-maġġoranza tal-familji ssir l-aktar bil-MT (93.2% mal-omm/kustodja; 93.1% mal-missier/kustodju), skont studju ppubblikat fl-2006.[9] L-informazzjoni miġbura turi wkoll li l-użu tal-EN hu konsistentement l-ogħla fost il-klassijiet maniġerjali u professjonali; f'kuntrast ma' persentaġġ ħafna aktar baxx fl-użu tal-EN fost dawk li jagħmlu xogħol manwali, in-nisa jew l-irġiel tad-dar u l-persuni qiegħda.

5.3 Fil-każ tal-medju miktub is-sitwazzjoni hija differenti ħafna. Stħarriġ li sar mill-NSO fl-2011 juri li 44.5% tal-popolazzjoni jippreferu jiktbu bl-EN, filwaqt li 43.1% jippreferu jiktbu bil-MT. Għall-mistoqsija dwar b'liema lingwa jippreferu jaqraw, 46.3% tal-parteċipanti wieġbu li jippreferu jaqraw bl-EN, filwaqt li 38.6% jippreferu bil-MT.[10] Studju tal-2013 juri li hemm aktar qarrejja tal-gazzetti bl-Ingliż – *The Times of Malta* u *The Sunday Times of Malta*, b'mod partikolari – milli ta' gazzetti oħra.[11] L-aħbarijiet fuq l-internet huma aktar disponibbli bl-EN; imma xi siti jippubblikaw l-aħbarijiet biż-żewġ lingwi jew bil-MT biss.

5.4 Għalkemm, kulma jmur, qegħdin jiżdiedu l-kotba bil-MT jew li jiġu tradotti għall-MT, il-materjal li hawn għall-qari bil-MT għadu limitat meta tqabblu mat-testi li hawn bl-EN. Ħafna kotba

---

[5] L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (2011). 'Malta census of population and housing'. Meħud minn: https://nso.gov.mt/en/publicatons/Publications_by_Unit/Documents/01_Methodology_and_Research/Census2011_FinalReport.pdf

[6] 'Stħarriġ tal-Ewrobarometru 2012'. Brussell: Il-Kummissjoni Ewropea. Meħud minn: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/api/files/document/print/en/ip_12_679/IP_12_679_EN.pdf

[7] Studju tal-'istat tan-nazzjon' li sar f'Ġunju tal-2021 jissuġġerixxi li 82.1% tar-residenti Maltin iqisu l-MT bħala l-lingwa ewlenija tagħhom filwaqt li 1.3% jikkunsidraw l-Ingliż; is-16.7% li jifdal iqisu kemm il-MT u l-EN bħala l-lingwa ewlenija tagħhom. (Il-varjazzjoni fl-istatistika hi ta' +/-3%.) Eż.: https://www.one.com.mt/news/2021/06/04/il-maggoranza-tal-maltin-huma-kuntenti-u-87-ma-xtaqux-li-twieldu-fpajjiz-iehor-studju-ta-marmara/

[8] Incorvaja, W. (2007). 'Ix-Xlukkajr: Is-sistema vokalika u differenzi lessikali'. Teżi tal-B.A. (Unuri). Malta: L-Università ta' Malta; Said, M. J. (2007). 'In-Naduri: Is-sistema vokalika u differenzi lessikali'. Teżi tal-B.A. (Unuri). Malta: L-Università ta' Malta.

[9] Sciriha, L., u Vassallo, M. (2006). *Living languages in Malta*. Malta: IT Printing.

[10] L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika. (2011). *Culture participation survey*. Meħud minn: http://www.nso.gov.mt/statdoc/document_file.aspx?id=3231 Ir-riżultati sħaħ taċ-Ċensiment Nazzjonali tal-2011 jinsabu hawn: https://nso.gov.mt/en/publicatons/Publications_by_Unit/Documents/01_Methodology_and_Research/Census2011_FinalReport.pdf

[11] Vella, A. (2013). 'Languages and language varieties in Malta'. *International Journal of Bilingual Education and Bilingualism*, 16(5), 532-552.

tal-iskola huma bl-EN. Il-kotba tal-iskola bil-MT ġeneralment jiffukaw fuq it-tagħlim u l-istudju tal-Malti, tar-reliġjon u tal-istudji soċjali. Għall-iskejjel sekondarji hemm ukoll kotba bil-MT, għal suġġetti bħall-istorja u l-ġeografija.

5.5 Il-Malti jintuża fuq il-maġġoranza tal-istazzjonijiet tat-TV u r-radju lokali, u l-investiment fil-produzzjonijiet lokali (eż. sensiliet ta' drama u dokumentarji) u fi programmi ta' diskussjoni jfisser li żdied l-għadd ta' programmi li jużaw il-MT f'dawn il-mezzi tax-xandir. Fl-istess ħin, dawk li huma interessati fil-films u fi produzzjonijiet ċinematografiċi, bħal sensiliet ta' drama, illum għandhom għażla vasta permezz tal-Cable TV, tal-live streaming u bi pjattaformi bħal Netflix jew Disney Media li fihom l-EN jiddomina (minkejja li l-produzzjonijiet mhux bl-EN qed jiżdiedu fil-popolarità, ħafna drabi anke bl-għażla ta' sottotitli bl-EN). Il-MT jintuża regolarment fil-maġġoranza tal-knejjes għall-funzjonijiet reliġjużi (fost l-oħrajn fl-omeliji u l-kant tal-korijiet). Il-MT huwa wkoll il-lingwa tal-Qrati; għalkemm hawn is-sitwazzjoni hi aktar kumplessa għax ħafna drabi l-abbozzi tal-liġijiet isiru bl-EN u mbagħad jinqalbu għall-MT. (Madankollu, jekk it-tifsira bejn il-verżjoni Ingliża u Maltija ta' liġi jew ta' test legali tvarja, il-verżjoni Maltija fil-maġġoranza tal-każi tieħu preċedenza).

5.6 L-użu tal-Ingliż jiddomina f'oqsma bħat-turiżmu, id-divertiment, il-kummerċ, il-midja tal-massa u l-internet. Fil-mezzi soċjali, l-EN ġeneralment jintuża fuq Twitter; filwaqt li l-MT jintuża aktar spiss fil-Facebook, għalkemm ċertament li ma jiddominax. Dawk li twieldu fis-seklu 21, b'mod speċjali, għaddew mir-rivoluzzjoni teknoloġika għall-era diġitali. Il-lingwa tal-internet hija l-EN u t-teknoloġija tal-mobile tiffaċilitat il-komunikazzjoni lokalment u anke lil hinn minn xtutna, fejn l-EN ukoll jiddomina.

5.7 Sfida oħra hawn hi li l-użu tal-MT fil-pjattaformi tal-mezzi soċjali spiss ma jinkitibx bl-ortografija standard, kif inhu l-każ f'ħafna lingwi oħra.

5.8 Fl-iskejjel primarji u sekondarji l-għalliema u l-istudenti ilhom is-snin jibdlu l-kodiċi b'taħlita estensiva ta' MT-EN.

5.9 Il-preżenza dejjem tikber ta' familji immigranti u wliedhom, fl-aħħar snin wasslet għal aktar diversità fl-isfond lingwistiku tal-istudenti. L-ambjent lingwistiku f'Malta qed "jinvolvi aktar il-*plurilingwiżmu*, u jitlob li wieħed juża r-riżorsi lingwistiċi tiegħu kollha biex jissodisfa l-ħtiġijiet soċjali u pedagoġiċi".[12] L-inklużjoni fis-soċjetà Maltija tal-istudenti u l-membri tal-istaff bi sfond internazzjonali jew ta' migrazzjoni se timxi pass ieħor billi jiġu offruti opportunitajiet biex jitgħallmu u jipprattikaw kemm il-Malti u kemm l-Ingliż, u jingħataw aktar għarfien fuq is-soċjetà Maltija, il-kultura tagħna u l-prattiċi tas-suq tax-xogħol lokali. Għandhom jiġu inkoraġġiti attivitajiet ta' studji konġunti u esperjenzi ta' xogħol fi gruppi li jinvolvu studenti ta' nazzjonalitajiet differenti *flimkien*.

[12] Camilleri Grima, A. (2016). 'Editorial: Bilingualism in education in Malta'. *Malta Review of Educational Research*, 10(2), 177-179.

# 6. Żviluppi Riċenti fl-Edukazzjoni Ogħla

Hemm għadd ta' żviluppi riċenti li affettwaw l-edukazzjoni ogħla b'mod ġenerali, kemm f'Malta u anke barra, u li għandhom impatt fuq l-għażla u l-użu tal-lingwa:

6.1 Il-globalizzazzjoni tal-edukazzjoni ogħla qed twassal biex jintuża aktar l-Ingliż, speċjalment f'suġġetti u fir-riċerka tax-xjenza naturali. Barra minn hekk, ħakma tajba fit-taħdit u l-kitba bl-EN hi meqjusa bħala ħila importanti ħafna fis-seklu 21. Ir-residenti Maltin jista' jirnexxilhom jgħixu Malta mingħajr ma jkunu jafu l-Ingliż; imma ħajjithom jaf tkun ristretta u limitata. Iż-żmien li jqattgħu l-istudenti Maltin fl-UM joffrilhom opportunità unika biex jiġu wiċċ imb wiċċ ma' medju ta' tagħlim u ambjent ta' xogħol li fih, primarjament, jintuża l-Ingliż. L-obbligu tal-istudenti li jaħsbu, jaqraw, jiktbu u jargumentaw bl-EN għandu jarrikkixxi l-ħiliet tagħhom fil-lingwa Ingliża u jħejjihom għal sitwazzjonijiet ġenerali ta' prova li joffru l-ħajja u l-karriera, kemm f'Malta kif ukoll barra.

6.2 Iżjed studenti rreġistrati fl-UM aktarx ikollhom il-Malti bħala l-ewwel lingwa tat-taħdit. Dan qed jiġri għax, fost oħrajn, qed ikompli jiżdied in-numru tal-istudenti postgradwati, part-time jew ta' filgħaxija fl-UM li għandhom aktar minn 17-20 sena, u li għalhekk imorru lil hinn mill-bażi aktar tradizzjonali tal-klassi medja professjonali b'ġenitur wieħed jew biż-żewġ ġenituri ggradwati. Għal dawn l-istudenti universitarji u, b'mod speċjali, għall-istudenti universitarji 'tal-ewwel ġenerazzjoni', l-EN jaf ikollu rwol inqas dominanti. Hemm ċans akbar li dawn l-istudenti jfasslu l-argumenti tagħhom u jikkomunikawhom bil-MT, oralment – u aktarx ukoll, imma mhux neċessarjament, bil-kitba.

6.3 Minkejja dan, (punt 6.1), u l-vantaġġ li għandhom dawk li jitkellmu u jiktbu bl-EN, kulma jmur qed tiżdied il-kuxjenza fuq l-importanza tal-kompetenza fit-'tielet lingwa' biex ikun hemm aktar għarfien interkulturali, biex tiġi ffaċilitata l-koperazzjoni kummerċjali u ta' bejn in-negozji, biex tinbena identità Ewropea tranżnazzjonali, eċċ. Skont l-Unjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa, it-tfal Ewropej ta' età żgħira għandhom ikunu kollha trilingwi: billi jitgħallmu żewġ lingwi minbarra l-lingwa/i nazzjonali tal-pajjiż fejn joqogħdu. Fil-kuntest Malti dan ifisser il-MT u l-EN u lingwa oħra.[13] Il-kompetenza f'lingwi reġjonali/globali oħra – bħall-Ispanjol, il-Hindi, ir-Russu, iċ-Ċiniż Mandarin u l-Għarbi – hija mħeġġa.[14]

6.4 Bis-saħħa tal-fatt li l-EN hu ddikjarat bħala l-lingwa ta' struzzjoni, l-UM għandha vantaġġ kompetittiv enormi. Hi waħda miż-żewġ universitajiet pubbliċi fil-Mediterran fejn l-EN hu l-lingwa ta' struzzjoni.[15] L-istudenti f'Malta huma eżentati milli jħallsu, inkella jridu jħallsu tariffa relattivament affordabbli, u b'hekk l-UM titqies destinazzjoni partikolarment attraenti (u sigura)

---

[13] Il-Franċiż u l-Ġermaniż huma l-aktar lingwi studjati fl-Ewropa bħala t-tielet lingwa.

[14] Fl-UM, il-kors tal-MA fl-Istudji tat-Traduzzjoni joffri taqsima-studju żejda biex tħajjar lill-istudenti jipprattikaw it-traduzzjoni minn lingwa sors addizzjonali; fil-każ tal-istudenti Maltin, din sikwit timplika t-tielet lingwa.

[15] L-oħra hija l-Università ta' Ġibiltà, f'Ġibiltà, li twaqqfet fl-2015.

għall-istudenti internazzjonali.[16] Fil-fatt, fl-aħħar snin, madwar 10% tal-istudenti regolari fl-UM ma kinux Maltin. L-istudenti barranin qed jiżdiedu wkoll fil-korsijiet postgradwatorji.

6.5 Hemm kemm raġunijiet prattiċi kif ukoll finanzjarji għaliex xi għodod komunikattivi bħalissa huma pprovduti b'lingwa waħda *biss*. Pereżempju:

(a) Il-manwal tal-marka attwali tal-UM jitlob li s-senjaletika kollha tal-kampus tal-UM (ħlief f'xi eċċezzjonijiet) tkun bl-Ingliż biss (biex ma jkunx hemm geġwiġija, titjieb l-estetika, u biex il-postijiet ikunu indikati b'aktar ċarezza).[17]

(b) Ir-rivista THINK, pubblikazzjoni attraenti stampata u diġitali tal-UM, li biha għandha l-għan li tilħaq lill-pubbliku, toħroġ bl-Ingliż biss (www.um.edu.mt/think).
Minkejja dan, il-ħarġa 33 (Novembru 2020) inkludiet artiklu bilingwi fuq id-djaletti Maltin.[18]

(ċ) Is-sit elettroniku tal-UM www.um.edu.mt (inkluż Newspoint, il-pjattaforma tal-aħbarijiet) hu bl-Ingliż biss, ħlief f'xi eċċezzjonijiet.

(d) Il-paġni tal-UM fil-Facebook, Twitter u Instagram, u l-app MY UM huma bl-Ingliż biss. L-unika eċċezzjoni hi s-sit tad-Dipartiment tal-Malti, li hu bil-Malti: www.um.edu.mt/arts/malti.

6.6 Fl-istess waqt jinħass ċar li l-maġġoranza tal-membri tal-istaff akkademiku u amministrattiv, u anke tal-istudenti tal-UM, jippreferu ambjent multilingwi, partikolarment fejn il-Malti u l-Ingliż ikunu preżenti u viżibbli fuq il-kampus. Jekk ikun ippjanat sew, l-investiment fil-multilingwiżmu jkun ta' vantaġġ, u mhux ta' piż finanzjarju. Barra minn hekk, l-għan ewlieni tal-linji gwida tal-politika li toħroġ minn dan id-dokument hu li nisħqu fuq il-ħtieġa ta' università tabilħaqq multilingwi; kull kunsiderazzjoni oħra, inkluż l-estetika, trid tagħraf dan l-għan.

6.7 Il-korp professjonali tat-tradutturi, l-interpreti u t-terminologi Maltin li jeżisti issa – li wħud minnhom jaħdmu fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea – qed jiżviluppa terminoloġija bil-MT għal kuntesti speċifiċi, li tindirizza l-lakuni li jista' jkun hemm fit-terminoloġija bil-Malti f'ċerti oqsma.

6.8 It-trasformazzjoni ta' Malta minn gżira b'ekonomija netta li tesporta x-xogħol għal waħda netta li timporta x-xogħol, fis-snin li għaddew ġabet magħha ħafna konsegwenzi. Waħda minnhom hi n-numru kbir ta' barranin li jaħdmu Malta li, wieħed jistenna li jkunu kapaċi jifhmu u, preferibbilment, jitkellmu mhux biss bl-EN imma wkoll bil-MT: il-kompetenza bażika fiż-żewġ

[16] Madankollu ġie nnutat li t-tariffi tal-UM għall-korsijiet postgradwatorji aktarx mhumiex kompetittivi biżżejjed biex jattiraw studenti mill-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw, bħall-Afrika jew l-Amerka Ċentrali.
[17] Fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet li qegħdin isiru f'dan id-dokument, qed tiġi proposta politika għal senjaletika bilingwi bbażata fuq ir-riċerka li għamilna u r-reazzjonijiet li kellna.
[18] Ilħna mill-imgħoddi / What did the past sound like: - https://issuu.com/thinkuni/docs/think33_issuu

lingwi uffiċjali hi meħtieġa biex taħdem b'mod effettiv fis-suq tax-xogħol Malti. Għalhekk, hemm suq ta' klijenti dejjem jikber għal korsijiet tal-EN u tal-MT, maħsubin biex jgħinu lil dak li jkun jiżviluppa kompetenza bażika fil-lingwa. L-UM wieġbet għal dan billi introduċiet il-MT bażiku/komunikattiv bħala rekwiżit għad-dħul f'ċerti programmi ta' studju professjonali, inkluż il-kors tal-Mediċina u l-Kirurġija.

6.9 Meta nqisu dawn l-aspetti dinamiċi flimkien, li jirriżultaw mill-punt ta' qabel (6.8), nintebħu li l-ambjent kontemporanju tal-klassi jew tal-laboratorju fl-UM jippreżenta għadd ta' sfidi. F'ħafna minn dawn l-ambjenti, aktarx ikun hemm student/a wieħed/waħda, jew aktar, li mhumiex Maltin li jista' jkollhom ħakma suffiċjenti tal-EN biex isegwu l-korsijiet tagħhom u jiggwadanjaw minnhom, u studenti Maltin li wħud minnhom jaf ikunu aktar komdi jikkomunikaw bil-MT.

6.10 Għaldaqstant hemm pressjonijiet kontradittorji fuq l-akkademiċi. Minn naħa, jeħtieġu l-EN (anke biex jinftiehmu mill-istudenti internazzjonali u jdaħħlu lill-istudenti Maltin f'dak il-mod ta' ħsieb); l-importanza tal-komunikazzjoni bl-EN fil-klassi hi evidenti minnha nfisha. Madankollu, dak li hu ċar fil-prinċipju jaf ma jkunx daqshekk ċar fil-prattika għax jista' jkun hemm xi qlib mhux intenzjonat għall-MT: biex l-akkademiċi involuti jinftiehmu aħjar mill-istudenti lokali u jħeġġuhom jipparteċipaw fil-lezzjoni billi jitkellmu. Din il-ħaġa tista' tiġri f'xi kuntesti fl-UM, ngħidu aħna meta l-akkademiċi inkwistjoni jkollhom il-Malti (huma wkoll) lingwa dominanti. Meta jiġri hekk, u jkun hemm preżenti studenti li ma jitkellmux bil-Malti, dawn naturalment iħossuhom konfużi, esklużi mill-konverżazzjoni u meqjusin b'mod inġust mis-sistema; l-ilmenti tagħhom sikwit jaslu l-Uffiċċju tar-Reġistratur.

## 7. Il-Politika Lingwistika tal-UM fl-2021

7.1 Dan hu l-ewwel dokument sħiħ u konkret li jipprovdi linji gwida uffiċjali fuq l-użu tal-lingwa fl-UM. Qabel ma ġew approvati dawn il-linji gwida, l-istat u r-regolamenti li jirregolaw il-lingwa kienu joħorġu mill-analiżi tal-protokoll kodifikat tal-UM. Hemm sitt siltiet minnu li huma, partikolarment, sinifikanti:

(a) Ir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul fl-UM[19] jistipulaw li:

> Ir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul huma ċ-Ċertifikat tal-Matrikola u ċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja miksub bi grad 5 jew aħjar fil-Malti, fil-Lingwa Ingliża u fil-Matematika.
>
> Applikant li mhux Malti jista' joffri lingwa oħra kif approvat mill-Bord tad-Dħul minflok il-Malti. Il-lingwa l-oħra ma tistax tkun l-Ingliż, u l-applikanti li l-lingwa

[19] L-Università ta' Malta (2021). *Mistoqsijiet Komuni: Ir-Rekwiżiti tad-Dħul.* Meħudin minn: https://www.um.edu.mt/journey/admissionsadvice/admissionsfaqs

materna tagħhom hija l-Ingliż ikunu meħtieġa li minflok il-Malti joffru lingwa oħra li mhijiex l-Ingliż.

L-applikanti b'ċittadinanza doppja, jew li jkunu ġew naturalizzati bħala ċittadini Maltin għandhom ikunu għaddew mill-Malti fil-livell taċ-ĊES sabiex jitħallew isegwu kors fl-UM.

(b) Ir-Regolament 12 tar-Regolamenti Ġenerali għall-istudenti tal-Ewwel Grad jistipula li:

Il-lingwa ta' struzzjoni u assessjar għandha tkun l-Ingliż, ħlief fl-oqsma ta' studju li jinvolvu lingwa. F'dan il-każ it-tagħlim u l-assessjar jistgħu jsiru b'dik il-lingwa. Is-Senat jista' anke japprova li xi taqsima-studju ssir bil-Malti jew b'lingwa oħra.

(ċ) Ir-Regolament 27 tar-Regolamenti Ġenerali għall-istudenti postgradwatorji jistipula li:

It-teżijiet għar-rikonoxximenti universitarji postgradwatorji kollha għandhom jinkitbu bl-Ingliż, ħlief fil-każ tat-teżijiet f'oqsma ta' studju li jinvolvu lingwa, li jistgħu jinkitbu b'dik il-lingwa.

Madankollu, bl-approvazzjoni tas-Senat, jista' jkun hemm Bord li, għal raġunijiet ġusti u validi, jagħti l-permess lil studenti partikolari jiktbu t-teżi tagħhom b'xi lingwa oħra, ġaladarba l-Bord ikun aċċerta ruħu, għas-sodisfazzjon tas-Senat, li l-Università għandha l-esperti meħtieġa biex ikunu superviżuri u jeżaminaw ix-xogħol. F'każijiet bħal dawn, l-istudenti jintalbu jinkludu Taqsira Eżekuttiva bl-Ingliż tax-xogħol.

(d) Fil-laqgħa tas-Senat tas-17 ta' Frar 2011, ir-Rettur fakkar lill-membri li l-lingwa ta' struzzjoni fl-Università hi l-Ingliż:

il-lingwa ta' struzzjoni fl-Università hi l-Ingliż u [ir-Rettur] **fakkar** lill-membri li l-mistoqsijiet tal-istudenti u t-tweġibiet li jingħatawlhom għandhom ikunu bl-Ingliż; speċjalment jekk ikun hemm studenti barranin preżenti fil-lekċers.

Ir-Rettur **ħeġġeġ** lid-Dekani u lid-Diretturi biex ifakkru lill-membri tal-istaff tagħhom ħalli jużaw l-Ingliż bħala l-lingwa ta' struzzjoni/tutorials. *(l-enfasi kienet saret fl-oriġinal)*

(e) Fl-2019 is-Senat ħa deċiżjoni u ħeġġeġ lill-istudenti kollha tal-UM li qed jagħmlu teżi tal-PhD biex jipprovdu sinteżi elaborata (ta' madwar 5,000 kelma) bil-Malti tat-teżi tagħhom, ħalli jkunu jistgħu jxerrdu r-riżultati tar-riċerka tagħhom aħjar u biex, ftit ftit, jinbena reġistru ta' materjal akkademiku li jkun disponibbli bil-Malti wkoll.

(f) Fl-2020 is-Senat adotta dokument li jelenka prattika tajba fl-użu ta' lingwa inklużiva; tfakkira tal-obbligu biex inkunu sensittivi għall-oħrajn, speċjalment fil-kuntest ta' żieda fid-diversità. Dan jinkludi preferenza lingwistika.[20]

## 8. It-Termini ta' Referenza u l-Metodoloġija

8.1 F'dan il-kuntest, huwa f'waqtu "naraw li jkollna politika lingwistika dinamika" fl-Università u għall-Università biex tindirizza l-isfidi tal-mument. Dan id-dokument – disponibbli bil-MT u bl-EN – jgħin biex:

(a) Iżid il-kuxjenza fuq il-'kwistjoni tal-lingwa' fuq il-kampus tagħna fost l-istaff akkademiku, amministrattiv u tekniku, u mal-istudenti;

(b) Joffri linji gwida utli u rakkomandazzjonijiet prattiċi għall-użu tal-lingwa fl-edukazzjoni, fir-riċerka u fl-amministrazzjoni;

(ċ) Jiffaċilita l-iżvilupp ta' gradwati tal-UM bilingwi (bħala minimu) u trilingwi (bħala preferenza);

(d) Jappoġġja u jħarreġ lill-membri tal-istaff tal-UM biex jiżviluppaw profiċjenza fil-MT u/jew fl-EN u/jew f'lingwi oħra; u

(e) Jinkoraġġixxi l-idea li l-kampus tal-UM ikun 'rikk fil-lingwi' u jipprattika l-użu 'ta' lingwi paralleli', filwaqt li jappoġġja dawn iż-żewġ prinċipji biex 'jiġu mgħoddija' lis-soċjetà Maltija inġenerali.

8.2 Għal dan il-għan, għadd ta' membri tal-istaff tal-UM: mid-Dipartiment tal-Malti; mill-Istitut tal-Lingwistika u t-Teknoloġija tal-Lingwa; mid-Dipartiment tal-Ingliż; mid-Dipartiment tas-Soċjoloġija; u miċ-Ċentru tal-Profiċjenza fil-Lingwa Ingliża ġew mistiedna jipparteċipaw u jaħdmu flimkien biex jiżviluppaw dan id-dokument. Fir-rebbiegħa tal-2020 saret sensiela ta' laqgħat li ġew koordinati u mmexxija mill-Uffiċċju tal-Prorettur għall-Iżvilupp Internazzjonali u l-Assigurazzjoni tal-Kwalità (f'isem ir-Rettur).

8.3 Dan 'il-grupp ta' ħidma' kkonċettwalizza u organizza wkoll stħarriġ elettroniku fir-rebbiegħa tal-2020 biex jifhem aħjar l-użu u l-preferenzi lingwistiċi tal-komunità tal-UM (l-istudenti, l-akkademiċi u l-istaff amministrattiv u tekniku). *(Issib taqsira tar-riżultati ta' dan l-istħarriġ bħala anness għal dan id-dokument.)*

[20] L-Università ta' Malta (2020). *Good practice in inclusive language*. Meħud minn: https://www.um.edu.mt/__data/assets/pdf_file/0006/425229/goodpracticeinclusivelanguage.pdf

8.4 Intlaħaq qbil li jintalab il-parir tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, imwaqqaf mill-Gvern fl-2005, propju sabiex jadotta, jagħti l-pariri u jippromwovi strateġija u politika lingwistika f'kull qasam tal-ħajja f'Malta. Ir-reazzjonijiet dettaljati tal-Kunsill waslulna f'Ottubru 2020, ġew analizzati mill-'grupp ta' ħidma' tal-UM, u integrati f'dan id-dokument.

8.5 Intalbet ukoll informazzjoni minn istituzzjonijiet oħra tal-edukazzjoni ogħla madwar id-dinja li ħadmu u fasslu l-politika lingwistika tagħhom, b'attenzjoni għall-kuntest li saru fih dawn id-dokumenti ta' politika. Eż. Il-Politika Lingwistika tal-Università ta' Stokkolma, il-Politika Lingwistika tal-Università ta' Uppsala, u l-Politika Lingwistika tal-Università tal-Iżlanda. Il-'grupp ta' ħidma' ħares ukoll lejn id-dokument Higher Education Language Policy (HELP, 2013), żviluppat mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill Ewropew għal-Lingwa.

8.6 Abbażi ta' dawn is-sorsi fi tmiem l-2020, tħejja sett ta' linji gwida fuq l-użu tal-lingwa fl-UM, li ġie ppreżentat lis-Senat bħala abbozz. Imbagħad tnieda perjodu ta' tliet xhur ta' konsultazzjoni interna. Sa tmiem April 2021 daħlulna tlieta u disgħin (93) kumment u suġġeriment – il-maġġorparti tagħhom f'format ikkonsolidat wara diskussjoni u riflessjoni interna fi ħdan it-taqsima tagħhom – f' indirizz elettroniku li ħloqna apposta.[21] Dawn kienu ġejjin minn 18-il entità u individwu differenti – u fosthom kien hemm ir-reazzjonijiet ta' membri tal-istaff akkademiku u amministrattiv, kif ukoll studenti Maltin u barranin. Id-dokument imbagħad ġie rivedut u aġġornat b'din l-informazzjoni l-ġdida, skont ir-relevanza; fit-3 ta' Ġunju ġie diskuss u approvat mill-'grupp ta' ħidma'[22] li twaqqaf biex imexxi dan l-eżerċizzju; u ġiet ippreżentata verżjoni aġġornata tiegħu lis-Senat biex jiddiskutiha fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Lulju 2021.

## 9. 'L-Aqwa Prattiċi' għall-Użu tal-Lingwa

9.1 L-irwol tal-Politika Lingwistika (PL) hu li toffri linji gwida biex ikunu jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet infurmati fuq l-użu tal-lingwa/i f'kuntesti partikolari ta' komunikazzjoni. Dan jaqbel ma' din id-definizzjoni:

> "politika lingwistika tistabbilixxi l-lingwi ta' struzzjoni u ta' amministrazzjoni u komunikazzjoni, u l-għanijiet u l-objettivi tal-programmi tal-lingwa, miżuri ta' appoġġ lingwistiku, u l-mod kif dawn jidħlu fis-seħħ f'Istituzzjoni ta' Edukazzjoni Ogħla partikolari."[23]

---

[21] languagelingwa@um.edu.mt

[22] Il-Prof. Sergio Portelli ngħaqad mal-grupp f'dan l-istadju; waqt li Dr Lonneke van der Plas ġiet skużata.

[23] Il-Kunsill Ewropew għal-Lingwi (2013). *Higher education language policy*. Grupp ta' Ħidma. Meħuda minn: http://www.celelc.org/activities/Working_groups/Concluded-Working-Groups/Resources_Working_Groups/HE_Language_Policy_-_Final_2013_w_summary.pdf

9.2 Fl-istess waqt, sabiex dawn il-linji gwida jiġu interpretati kif jixraq, il-PL għandu jkollha sett ta' prinċipji gwida ġenerali li jissimplifikaw l-implimentazzjoni tagħha u jnaqqsu l-ideat żbaljati mill-attitudnijiet u l-preġudizzji li, ċertament, ikollhom dawk li jużaw il-lingwa.

9.3 Għalhekk, dawn il-prinċipji gwida jridu jidentifikaw *għal min* hi l-PL; jiġifieri lil min qed tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tagħha jew tissuġġerixxi 'l-aqwa prattiċi', il-ħtiġijiet ta' min qed taqdi, u d-dubji ta' min qed tindirizza. Skont ix-xenarju li jkun, l-individwu jaf jitqies "parti konċernata" b'modi differenti. Għalhekk nipproponu li naħsbu f'dawn li ġejjin bħala rwoli (filwaqt li nagħrfu li l-irwol ta' dak li jkun jaf jinbidel skont il-kuntest). Fl-UM dawn l-irwoli ma jeħtieġu l-ebda introduzzjoni:

(a) Għalliema / tuturi / membri akkademiċi (il-varjazzjoni tinkludi l-gradi ta' lettur viżitatur u lettur assistent sa professur sħiħ)
(b) Studenti (ta' programm mgħallem), li jinkludu kemm il-korsijiet full-time kif ukoll part-time; ta' matul il-ġurnata u ta' filgħaxija; u lil dawk involuti f'tagħlim fiżiku, wiċċ imb wiċċ, u tagħlim online, mill-bogħod
(c) Riċerkaturi (inkluż l-istaff akkademiku, l-uffiċjali ta' għajnuna fir-riċerka jew l-istudenti postgradwatorji)
(d) Membri tal-istaff amministrattiv (eż. id-diretturi, l-ispeċjalisti tal-amministrazzjoni)
(e) Membri tal-istaff industrijali u tekniku (eż. il-messaġġiera, ir-receptionists, l-istaff tas-Servizzi tal-IT)
(f) Membri tal-pubbliku ġenerali
(g) Studenti potenzjali fl-istadju ta' qabel l-Università (eż. dawk fl-iskejjel sekondarji u postsekondarji)
(h) Utenti, fornituri, provdituri tas-servizzi u viżitaturi oħra tad-diversi binjiet tal-UM (il-kampus ewlieni tal-Imsida, il-kampus tal-Belt, ta' Marsaxlokk u tax-Xewkija, Għawdex)

9.4 It-taqsima li ġejja tagħti ħarsa lejn għadd ta' "xenarji li fihom tintuża l-lingwa" u għandha l-għan li tindika l-kategoriji tas-sitwazzjonijiet li jinvolvu lill-membri tal-UM (fi rwoli differenti bħala partijiet konċernati). Għal kull xenarju noffru interpretazzjoni tas-sitwazzjoni fil-prinċipju u fil-prattika. L-aħħar kolonna tirrakkomanda 'proposti' li jaf jindirizzaw is-sitwazzjoni fil-kuntest tal-prinċipji proposti f'dawn il-linji gwida għall-politika lingwistika. L-aħħar kolonna tipproponi wkoll it-tifsil tal-'aqwa prattiċi': dawn jiġu determinati f'konsultazzjoni mal-FICS jew mat-taqsimiet amministrattivi konċernati u, preferibbilment, mal-akkademiċi involuti fl-istudju tal-EN u/jew tal-MT u/jew tat-tielet lingwa. Ħafna proposti ssejsu fuq ir-riżultati tal-Istħarriġ tal-Lingwa li sar fl-2020 (ara l-anness):

| | L-Irwol(i) tal-Partijiet Konċernati Relevanti | Uffiċjali (de jure) | Sitwazzjoni (de facto) | Proposti għall-'Aqwa Prattiċi' |
|---|---|---|---|---|
| **A. It-Tagħlim** | | | | |
| **A1**: Tagħlim ibbażat fil-klassi | Letturi, studenti | EN, ħlief fit-tagħlim ta' lingwi oħra, u f'korsijiet offruti fl-Università tat-Tielet Età u fiċ-Ċentru għall-Arti u x-Xjenzi Liberali | EN, imma b'xi eċċezzjonijiet, skont ma jgħidu l-istudenti minn żmien għal żmien | Agħraf l-EN bħala l-'lingwa uffiċjali' tal-UM fil-klassi (ħlief f'korsijiet ta' lingwi oħra); Minkejja dan, il-lingwi l-oħra jaf ikollhom irwol formali. *F'kuntesti speċifiċi*, il-MT għandu jkun rispettat bħala l-medju ewlieni ta' komunikazzjoni u espressjoni ta' kategoriji speċifiċi ta' studenti lokali (Aktar dettalji, hawn taħt).<br><br>Ippromwovi taqsimiet-studju fil-Malti Komunikattiv (MK).<br><br>Meta l-lettur u l-istudenti kollha fil-klassi jkunu komdi li l-mistoqsijiet u d-diskussjonijiet isiru bil-MT, din il-prattika m'għandhiex titqies ksur tar-regolamenti. Użu tal-lingwa bħal dan jaf jgħin biex jiżdiedu l-parteċipazzjoni u l-involviment tal-istudenti, u biex jiżdied l-użu tal-MT f'kuntest formali. Madankollu, mhux rakkomandat li l-MT jieħu post l-EN minħabba li l-livell tal-EN fost xi studenti tal-UM huwa fqir: din il-ħaġa ċċaħħad lil dawn l-istudenti (speċjalment l-iżgħar fosthom) mill-opportunità li jtejbu l-użu tagħhom tal-EN. Xi taqsimiet-studju jew programmi ta' studju speċifiċi (li mhumiex marbutin mal-lingwa) jistgħu jsiru bit-tielet lingwa, skont ikunx hemm ġustifikazzjoni xierqa.[24] |

[24] Kif tindika l-Fakultà tat-Teoloġija, l-UM hija probabbilment l-unika università barra l-Italja li għandha l-esperti li jistgħu jipprovdu taqsimiet-studju jew korsijiet għall-istudenti li jitkellmu bit-Taljan.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **A2:** Tagħlim fi gruppi żgħar u superviżjoni ta' persuna waħda | Letturi, tuturi, studenti | L-aktar EN | L-aktar EN; imma anke MT ma' gruppi ta' kelliema Maltin; u taħlita intenzjonata jew mhux intenzjonata ta' EN/MT f'sitwazzjonijiet oħra | F'dawn il-każi, fassal linji gwida. Ħeġġeġ l-akkademiċi tal-UM li jikkomunikaw bil-MT u bl-EN biex jużaw l-irwol privileġġjat tagħhom bħala tuturi biex jgħinu ħalli tiġi bilanċjata u megħluba l-qasma lingwistika fost l-istudenti. Fl-istess waqt, l-istudenti għandhom ikunu mħeġġin jesprimu ruħhom bl-EN jekk din tkun il-lingwa tal-assessjar tagħhom. |
| **A3:** Korsijiet offruti bħala servizzi lill-komunità (eż. U3E; PLAS) | Letturi, studenti | MT jew EN, billi, preferibbilment tkun speċifikata l-lingwa fl-istadju tal-applikazzjonijiet | MT jew EN, imma fil-prattika aktarx taħlita tat-tnejn | Ipprovdi linji gwida fuq kif korsijiet għal nies li mhumiex studenti universitarji 'regolari' jistgħu jservu biex ixerrdu użu tajjeb tal-MT u l-EN (bil-fomm u bil-kitba). Dawn il-korsijiet għandhom jitqiesu wkoll bħala pjattaforma għall-użu tat-tielet lingwa.<br><br>Il-lekċers għall-pubbliku ġenerali jistgħu jsiru bil-MT jekk fl-udjenza ma jkunx hemm nies li ma jitkellmux bil-MT. |
| **A4:** Teżijiet | Tuturi, studenti | EN, ħlief fil-każ tal-lingwi, u bil-permess tas-Senat | EN, ħlief fil-każ tal-lingwi, u bil-permess tas-Senat | Id-deċiżjoni tas-Senat li jħeġġeġ li jsiru taqsiriet twal/taqsiriet eżekuttivi tat-teżijiet bil-MT (jew bl-EN, f'każ ta' teżijiet li jinkitbu b'lingwa li mhix l-EN) hija tajba u tista' tkun appoġġjata b'fond finanzjarju għax ftit qed jinċentivaw ruħhom biex jagħmluha. Jista' jkun hemm pubblikazzjoni elettronika annwali tal-UM li tiġbor dawn it-'traduzzjonijiet' flimkien. |
| **A5:** Tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol / | Studenti | MT; imma jekk ikun hemm il-barranin fl-udjenza jaf | MT; imma l-EN ġieli ntuża meta kien hemm kelliema li | Għandu jkun hemm linji gwida fuq x'għandu jsir f'sitwazzjoni bħal din. L-akkademiċi tal-UM li jkunu qed imexxu dawn is-sessjonijiet għandhom jingħataw il-parir biex jittraduċu l-mistoqsijiet u dak li jingħad b'lingwa barranija għall- |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Interazzjoni mal-Komunità[25] | | jitolbu li jintuża l-EN | ma jafux il-MT | MT, u mbagħad iwieġbu bil-MT u bl-EN. Inkella s-sessjonijiet isiru bil-MT u tingħata taqsira tagħhom bl-EN; jew bil-maqlub. (Jekk ikun se jsir hekk, il-format għandu jkun avżat minn qabel). Fil-postijiet tax-xogħol, il-lingwa użata f'dak il-post partikolari għandha tkun rispettata. |
| **A6**: Eżamijiet bil-miktub | Eżaminaturi, studenti | Għandhom isiru bil-lingwa ta' struzzjoni, li ġeneralment tkun l-EN. (Bil-MT jew bit-3et lingwa f'sitwazzjonijiet partikolari, speċifikati minn qabel) | EN. (MT jew it-3et lingwa f'sitwazzjonijiet partikolari, speċifikati minn qabel) | Għandu jkun hemm linji gwida biex l-istaff akkademiku u l-istudenti jkunu ppreparati; b'hekk jiġu żgurati l-kwalità u l-konsistenza, u ma jkunx hemm sorpriżi. Meta jkun hemm involuti l-eżaminaturi esterni, l-użu tal-MT għall-eżamijiet jaf ikun limitat. |
| **A7:** Eżamijiet Orali | Eżaminaturi, studenti | Għandhom isiru bil-lingwa ta' struzzjoni, li ġeneralment tkun l-EN. (Bil-MT jew bit-3et lingwa f'sitwazzjonijiet partikolari, | EN. (MT jew it-3et lingwa f'sitwazzjonijiet partikolari, speċifikati minn qabel) | Għandu jkun hemm linji gwida biex l-istaff akkademiku u l-istudenti jkunu ppreparati; b'hekk jiġu żgurati l-kwalità u l-konsistenza, u ma jkunx hemm sorpriżi. Meta jkun hemm involuti l-eżaminaturi esterni, l-użu tal-MT għall-eżamijiet jaf ikun limitat. |

[25] Għadd ta' korsijiet (bħal tal-Farmaċija, il-Mediċina, il-Politika Soċjali u l-Ħidma Soċjali, ix-Xjenzi tal-Ikel, l-Infermerija, it-Terapija tal-Komunikazzjoni, eċċ.) għandhom komponent prattiku fil-komunità. Pereżempju, dawk li qed jistudjaw il-mediċina u s-saħħa jkollhom komponent ta' prattika klinika; l-istudenti tal-ħidma soċjali jkollhom tliet komponenti ta' prattika li jammontaw għal 34 ECTS, jew 775 siegħa; l-istudenti tal-Farmaċija: fl-1el Sena, fit-2ni Sem: 16-il ECTS f'Apprentistat (fil-komunità, fl-isptar jew fl-industrija tal-farmaċewtika) u 16-il ECTS oħra fit-2ni Sena. Fil-każ tal-istudenti tal-Fakultà tal-Liġi li beħsiebhom jipprattikaw il-qorti, il-kompetenza fil-lingwa Maltija hija meħtieġa. Kwalunkwe referenza għal deċiżjonijiet ġudizzjarji legali fil-klassi fl-UM tinvolvi testi bil-Malti u testi eqdem bit-Taljan.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | speċifikati minn qabel) | | |
| **A8:** Wara l-Università (eż. mal-alumni tal-UM) | | EN u/jew MT | EN u/jew MT | Għandu jkun hemm linji gwida fuq kif tista' tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni, speċjalment meta jkun hemm udjenzi mħalltin. |
| **B. Riċerka** | | | | |
| **B1:** Pubblikazzjonijiet purament akkademiċi | Letturi, Uffiċjali ta' Għajnuna fir-Riċerka, Studenti postgradwatorji | L-aktar EN; l-akkademiċi jippubblikaw bil-lingwa tal-għażla tagħhom | L-aktar EN; l-akkademiċi jippubblikaw bil-lingwa tal-għażla tagħhom | L-UM qed tikkunsidra li tadotta politika li tħeġġeġ u tappoġġja l-kitba akkademika bil-MT u b'lingwi oħrajn, li mhumiex l-EN, u li tibqa' tappoġġja u tinkoraġġixxi t-tixrid ta' riċerka lokali ma' udjenzi internazzjonali. Il-preferenza personali tar-riċerkaturi għandha tiġi kkunsidrata wkoll. Hemm bżonn sensittività lejn il-kwistjonijiet lingwistiċi meta ssir jew tkun irrappurtata r-riċerka (anke għal raġunijiet etiċi). Pereżempju, il-kwotazzjonijiet tal-parteċipanti għandhom jirrispettaw il-lingwa li jagħżlu huma (u mbagħad ikunu tradotti, kif jixraq). |
| **B2:** Pubblikazzjonijiet għall-komunità | Letturi, Staff amministrattiv | EN u MT | EN u MT | Ipproduċi pubblikazzjoni ta' spettru wiesa', bħar-rivista THINK, bil-MT (Pjan Strateġiku); inkella ara li jkun hemm kontenut bil-MT f'kull ħarġa tar-rivista THINK. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **B3:** Prattika fil-post tax-xogħol | Letturi, Uffiċjali ta' Għajnuna fir-Riċerka, studenti | EN u MT | MT u, sa ċertu punt, EN | L-istess protokoll tal-lingwa li jgħodd għall-klassi, imma l-interazzjoni man-nies fil-post tax-xogħol trid tirrifletti u tagħraf il-preferenzi lingwistiċi tagħhom, u mhux biss tal-akkademiċi u l-istudenti. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **B4:** Korsijiet fil-lingwi għar-riċerkaturi | | EN u/jew MT u/jew it-tielet lingwa, speċifikata minn qabel | EN u/jew MT u/jew it-tielet lingwa, speċifikata minn qabel | Għandhom ikunu offruti korsijiet fil-lingwi jew forom oħra ta' għajnuna lill-istudenti, lir-riċerkaturi u lill-akkademiċi li jixtiequ jtejbu l-ħiliet tagħhom fil-kitba u t-taħdit pubbliku bil-MT/EN. Dawn il-korsijiet għandhom ikunu miftuħin għall-istaff u l-istudenti Maltin u barranin. |
| **Ċ. Amministrazzjoni** | | | | |
| **Ċ1:** Bordijiet tal-Għażla, Intervisti | Membri tal-istaff | EN | EN (għall-istaff akkademiku u amministrattiv); l-aktar MT u xi ftit EN għall-istaff industrijali | L-aktar EN. Madankollu, l-intervisti jistgħu jsiru bl-EN u bil-MT għall-istaff akkademiku li jkun mistenni minnhom kompetenza fil-MT. Għal ċerti kategoriji ta'impjegati industrijali jista' jintuża aktar il-MT. |
| **Ċ2:** Posta interna u elettronika, tweġibiet awtomatiċi tal-ittri elettroniċi, avviżi bl-avvenimenti | L-istudenti u l-membri kollha tal-istaff | EN | EN; xi ftit MT | Il-lingwa awtomatika għall-korrispondenza elettronika interna fl-UM hi l-EN. L-ittri elettroniċi istituzzjonali indirizzati lill-komunità tal-UM kollha għandhom ikunu bilingwi. Il-lingwa ta' kull korrispondenza oħra, inkluż il-korrispondenza ta' bejn żewġ persuni, hi fid-diskrezzjoni ta' min jibgħat il-messaġġ, skont kif il-komunikazzjoni tkun effettiva l-aktar. Dawn il-messaġġi jistgħu jkomplu bil-MT meta l-qarrejja intenzjonati kollha jkunu Maltin. Għal skambji elettroniċi bejn individwi, u speċjalment għal dawk il-messaġġi li aktarx ma jintbagħtux lil partijiet terzi, huwa rispettabbli u xieraq li t-tweġiba ssir bl-istess lingwa. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Ċ3:** Diskorsi tar-Rettur u orazzjonijiet | L-istudenti u l-membri kollha tal-istaff, u l-pubbliku ġenerali | | MT u/jew EN. Id-diskors tar-Rettur fil-ftuħ tas-sena akkademika ġieli kien bl-EN u ġieli bil-MT. | Idealment billi ***l-ewwel*** **jintuża l-MT, *imbagħad* l-EN,** kif saret l-użanza fid-diskorsi u l-indirizzi tar-Rettur. F'avvenimenti bħal dawn għandhom jiġu kkunsidrati wkoll l-interpreti tal-lingwa tas-sinjali. |
| **Ċ4:** Senjaletika | Kulħadd, inkluż il-pubbliku ġenerali | It-tabelli l-antiki huma fil-biċċa l-kbira tagħhom bilingwi; it-tabelli l-ġodda huma bl-EN biss skont il-manwal tal-marka tal-UM | EN, u xi tabelli bilingwi | Il-Manwal tal-Marka tal-UM bħalissa jistipula l-EN biss. Huwa rrakkomandat li s-senjaletika tal-kampus tkun bilingwi (MT u EN), u sensittiva wkoll għall-persuni b'diżabilità. |
| **Ċ5:** Korsijiet fil-lingwi għall-istaff | Għall-membri kollha tal-istaff tal-UM | | MT komunikattiv; MT bħala Lingwa Barranija; 'It-Tielet Lingwa' bħala lingwa barranija | Huma rrakkomandati korsijiet fil-Malti Komunikattiv li jkunu disponibbli għall-istaff u l-istudenti kollha tal-UM. |
| **Ċ6:** Ċerimonji tal-Gradwazzjoni – Orazzjonijiet u Indirizzi mill-Gradwati u l-Akkademiċi | | EN jew MT | EN jew MT | Għandhom ikunu kkunsidrati l-interpreti tal-lingwa tas-sinjali fiċ-ċerimonji tal-gradwazzjoni u f'avvenimenti oħra importanti tal-UM. |
| **Ċ7:** Ċerimonji tal-Gradwazzjoni – Testi formali (moqrija mid-Dekani; u mir-Rettur waqt li | | Latin | Latin (u traduzzjoni għall-Ingliż fil-ktejjeb tal-gradwazzjoni ) | Bil-Latin (imma l-ktejjeb tal-gradwazzjoni għandu jinkludi traduzzjoni tat-test formali bil-Latin għall-EN u l-MT). |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| jlibbes it-toga lill-gradwati) | | | | |

| D. Il-Kuntatt mas-Soċjetà | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **D1:** <u>Sit elettroniku tal-UM</u> | | EN (ħlief xi eċċezzjonijiet) | EN (ħlief xi eċċezzjonijiet) | 76% ta' dawk li ħadu sehem fl-istħarriġ indikaw li jippreferu sit elettroniku bilingwi. L-UM se tikkunsidra li jkollha, tal-anqas, xi paġni prominenti bil-MT u bl-EN(Nistgħu nibdew bin-Newspoint?) |
| **D2:** Facebook, Instagram, Apps, Newspoint | | EN | EN | L-UM għandha tikkunsidra li jkollha, tal-anqas, xi paġni jew posts bil-MT u bl-EN. |
| **D3:** Campus FM | | L-aktar MT | L-aktar MT | Fil-Pjan Strateġiku tal-UM (Tabella 4) hu ssuġġerit dan biex ir-radju jkun medju aktar effettiv għall-kuntatt mal-pubbliku. Għandhom jiġu kkunsidrati xi programmi bl-EN jekk l-għan huwa wkoll li jintlaħqu semmiegħa barranin u b'risq l-inklużjoni. |
| **D4:** THINK Magazine | | EN | EN | Fil-Pjan Strateġiku tal-UM (Tabella 4) hu ssuġġerit dan biex ir-rivista tkun medju aktar effettiv għall-kuntatt mal-pubbliku. Ir-rivista THINK hi meqjusa 'inizjattiva ta' kuntatt mal-pubbliku ta' suċċess'. |
| **D5:** Science in the City | | Il-materjal miktub ħafna drabi jkun bl-EN; il-komunikazzjoni bil-fomm issir bil-MT | Il-materjal miktub ħafna drabi jkun bl-EN; il-komunikazzjoni bil-fomm issir bil-MT | Bħala attività għall-pubbliku ġenerali, il-materjal kollu għandu jkun bilingwi (MT u EN). |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **D6:** Katalgi, fuljetti ... | | Il-materjal miktub ħafna drabi jkun bl-EN | Il-materjal miktub ħafna drabi jkun bl-EN | Bilingwi (MT u EN), jekk il-materjal ikun maħsub għall-pubbliku ġenerali. |
| **D7**: TV u Radju (Radju Mocha) | | L-aktar MT | L-aktar MT | L-UM għandha esperti interni tat-traduzzjoni u l-lokalizzazzjoni ta' kontenut awdjoviżiv, inkluż ta' sottotitolar inklużiv li jaqdi l-esiġenzi lokali tal-MT u tal-EN, li minnu jistgħu jibbenefikaw dawk neqsin mis-smigħ. Għandu jkun ikkunsidrat l-interpretar tal-lingwa tas-sinjali. Dawk ir-riċerkaturi li mhumiex kelliema tal-MT xorta għandhom ikunu mħeġġin biex jipparteċipaw u jippromwovu xogħolhom bl-EN. |
| **D8:** Evenings on Campus | | L-aktar bil-MT, imma xi attivitajiet jittellgħu bl-EN | L-aktar bil-MT, imma xi attivitajiet jittellgħu bl-EN | Il-materjal informattiv għandu jkun bilingwi (MT u EN) jekk ikun maħsub għall-pubbliku ġenerali. |

# 10. Diskrezzjoni

10.1 L-amministraturi u l-akkademiċi tal-UM kulma jmur qed isibu ruħhom aktar f'sitwazzjonijiet fejn l-użu ta' lingwa speċifika jista' ma jkunx ċar jew ovvju, u joħloq xi diffikultajiet. Isibu ruħhom f'okkażjonijiet differenti, jew fl-*istess okkażjoni*, quddiem waħda jew aktar mill-partijiet konċernati u l-irwoli assoċjati magħhom, spjegati qabel, u forsi oħrajn lil hinn minnhom. Bħala professjonisti u edukaturi, kif ukoll bħala membri tal-istaff amministrattiv u studenti fil-komunità tal-UM, mistennija jaffaċċjaw l-isfida u jaġixxu bl-aktar mod xieraq fiċ-ċirkustanza li tkun.

10.2 Dan id-dokument, b'linji gwida fuq l-użu tal-lingwa fl-UM, jipproponi sett ta' parametri li fihom jistgħu jkunu stabbiliti wħud mill-aqwa modi kif jiġu indirizzati sitwazzjonijiet bħal dawn.

10.3 Dan id-dokument jissuġġerixxi li xenarji bħal dawn, u l-isfidi li jġibu magħhom, ikunu inklużi f'korsijiet ta' żvilupp professjonali u fis-sessjonijiet ta' taħriġ li jiġu offruti regolarment lill-istaff akkademiku; u diskussi fil-laqgħat regolari tad-Diretturi tal-UM mal-istaff amministrattiv tagħhom.

# 11. Applikabbiltà

11.1 Dawn il-linji gwida fuq l-użu tal-lingwa fl-UM minsuġa f’dan id-dokument, meta jiġu adottati, jibdew jgħoddu għall-aspetti u ċ-ċentri kollha operati mill-UM, inklużi l-Kulleġġ Ġan Franġisk Abela (Junior College), il-Kampus tal-Belt, il-Kampus tax-Xewkija/il-Kampus t’Għawdex, il-Kampus ta’ Marsaxlokk u l-kumpaniji tal-Università.

11.2 Bħall-politika lingwistika li jaqdi, dan hu dokument ħaj: jibqa’ sensittiv għas-‘sinjali u l-ilħna tal-mument’, u jkun tajjeb li jiġi rivedut regolarment.

11.3 Il-politika lingwistika jeħtieġ li taħdem u tevolvi b’mod parallel ma’ dokumenti oħra ta’ politika li ġew żviluppati fl-UM u li se jibqgħu jiġu żviluppati minn żmien għal żmien. U bil-maqlub: dokumenti ta’ din ix-xorta jridu jirriflettu u jsostnu l-kontenut u l-ispirtu tal-Politika Lingwistika implimentata .[26]

11.4 L-UM hi l-università ewlenija fid-dinja li tissalvagwardja l-Malti. Għalhekk se tagħmel l-almu tagħha biex tappoġġja lid-Dipartiment tal-Malti u l-Istitut tal-Lingwistika u t-Teknoloġija tal-Lingwa, fost l-oħrajn, biex jiġu żviluppati l-għodod diġitali meħtieġa biex il-Malti jkompli jiżviluppa bħala lingwa ħajja fl-era diġitali; u biex tmantni u tippromwovi l-istudju tal-kultura Maltija fil-forom kollha tagħha, peress li din għandha impatt fuq id-dixxiplini u l-oqsma kollha tal-istudju u t-tagħlim.

11.5 Fl-istess ħin, il-komunità tal-UM trid tibqa’ proattiva u viġilanti tant li l-użu tajjeb tal-lingwa Ingliża jibqa’ sinifikanti mhux biss fuq il-kampus tal-UM imma fil-gżejjer Maltin. L-għarfien tajjeb tal-EN (apparti tal-MT) huwa essenzjali għal ħafna episodji ta’ interazzjoni soċjali: mhux biss fl-UM imma lil hinn, fis-soċjetà Maltija: mill-kapaċità li wieħed jaqra manwal tekniku għall-interazzjoni ma’ kollegi, konsumaturi, klijenti, ġirien jew pazjenti li ma jitkellmux bil-Malti.

11.6 Bħala l-Università ta’ Malta huwa d-dover tagħna li nappoġġjaw prattiċi flessibbli u eteroglossiċi fl-approċċ tagħna lejn strateġija lingwistika bilingwi – imma preferibbilment anke strateġija multilingwi.

11.7 L-istaff kollu fl-UM, b’mod partikolari l-istaff akkademiku, għandu jkun konxju mill-użu tal-lingwa tiegħu ħalli niżguraw prattiċi pedagoġiċi tajbin u komunikazzjoni effettiva.

11.8 Apparti dan, fl-aħħar 10 snin, aktar u aktar fl-aħħar ħames snin, kien hemm żieda kostanti fin-numru ta’ persuni barranin li ddeċidew li jiġu joqogħdu Malta, u li issa huma parti mill-komunità. Il-popolazzjoni barranija tal-istudenti u l-istaff ukoll qed tkompli tikber fl-UM. Dan id-dokument jirreferi għal diversi studji li ffukaw fuq parteċipanti li f’xi stħarriġ taw rendikont tal-kompetenzi u l-preferenzi lingwistiċi tagħhom stess; madankollu, dawn ix-xejriet qed jinbidlu

[26] Eżempju ta’ dan hu l-Politika għall-Aċċess tal-Migranti – *Broadening Access for, and Supporting, Students with a Migrant and Low Socio-Economic Background at the University of Malta* – li għaddejjin id-diskussjonijiet dwarha waqt li qed jinkiteb dan id-dokument.

b'mod mgħaġġel. F'sitwazzjoni fejn ix-xejriet teknoloġiċi u demografiċi qed jinbidlu daqstant malajr, huwa diffiċli li tistrieħ fuq studji lingwistiċi tal-imgħoddi biex tkun infurmat fuq il-preżent, jew biex tużahom bħala l-bażi ta' dokumenti politiċi tal-lingwa għall-ġejjieni. Għalhekk, sabiex jittieħdu deċiżjonijiet infurmati fuq l-użu tal-lingwa f'Malta u fl-UM, trid issir riċerka b'mod regolari; u kwalunkwe dokumenti ta' politika li għandhom mertu llum jaf ikunu jridu jiġu kkunsidrati u riveduti għada.

## 12. Il-Format tal-Mistoqsijiet Komuni

12.1 Jidher ċar li hemm sitwazzjonijiet partikolari li jeħtieġ li jkun hemm linji gwida għalihom. Jista' jkun hemm għadd ta' Mistoqsijiet Komuni (FAQ), bit-tweġibiet ta' x'għandu jiġri f'sitwazzjonijiet bħal dawn li ġejjin jew f'oħrajn simili, li jkunu parti minn politika lingwistika dinamika. Is-sitwazzjonijiet jinkludu:

(a) Studenti fil-klassi li jistaqsu bil-Malti (meta jkun hemm, jew ma jkunx hemm, studenti barranin);

(b) Studenti li jindikaw li jippreferu l-Malti (jew lingwa oħra li mhix l-Ingliż) f'sitwazzjoni ta' superviżjoni, jew f'eżami orali/viva voce;

(ċ) Komponent ta' taħriġ (esperjenza ta' xogħol) jew attività oħra mhux fuq il-kampus li l-istudenti ma jkollhomx il-ħiliet lingwistiċi fl-EN u fil-MT mitluba għaliha (eż. studenti barranin b'esperjenza ta' xogħol xi mkien fejn il-Malti huwa l-medju tal-komunikazzjoni).

(d) Suġġett għall-approvazzjoni tas-Senat u skont ir-regolamenti li jkun hemm fis-seħħ, identifika ċ-ċirkustanzi u l-protokolli *speċifiċi* meta l-istudenti tal-UM jitħallew jiktbu assenjament, proġett jew teżi, jew jagħmlu eżami orali, bil-Malti, anke jekk dawn ma jkunux *fuq* il-lingwa Maltija, jew ma jkunux parti minn programm ta' studji fl-istudji tal-Malti.[27] Dawn l-istudenti jridu jkunu garantiti superviżjoni adattata, u eżaminaturi interni u esterni kkwalifikati. Miżura bħal din tgħin biex tħaffef l-iżvilupp ta' terminoloġija xierqa bil-MT.

## 13. L-Istrutturi ta' Għajnuna

[27] Eżempju xieraq hawn huwa d-Djarju Riflettiv, li hu parti mill-assessjar ta' esperjenzi tax-xogħol u taqsimiet-studju oħra, bħal YTH1009 u YTH1014 – Youth Work Core Skills. Hemm it-tendenza li xi studenti jesprimu ruħhom aħjar bil-MT meta jirriflettu fuq l-esperjenzi personali tagħhom. F'xenarju bħal dan, il-qarrejja/l-eżaminaturi ta' dawn id-Djarji Riflettivi għandhom, naturalment, ikunu kompetenti fil-MT.

13.1 Huwa rrakkomandat li jkun hemm sottokumitat permanenti tas-Senat fuq il-politika lingwistika. It-termini tar-referenza tiegħu għandhom jinkludu: li jieħu rendikont perjodiku tal-qagħda lingwistika fl-UM u f'kuntest usa'; li jabbozza sensiela ta' Mistoqsijiet Komuni, li jsegwi l-implimentazzjoni tal-politika lingwistika tal-UM, u li jressaq suġġerimenti għall-aġġornament u r-reviżjoni tal-Politika Lingwistika tal-UM.

13.2 Qed ikunu proposti strutturi ta' għajnuna partikolari li jtejbu l-ambjent plurilingwistiku tal-UM. Dawn jistgħu jinkludu li l-UM jkollha tieħu inizjattivi, jew issaħħaħ inizjattivi eżistenti, ngħidu aħna, billi:

(a) Toffri appoġġ lingwistiku lill-istudenti u lill-istaff (akkademiku, industrijali, tekniku) li jista' ma jkunx kompetenti biżżejjed bl-Ingliż u/jew bil-Malti. Għalhekk l-UM għandha tikkunsidra li twaqqaf Ċentru tal-Profiċjenza fil-Lingwa Maltija, simili għal dak li twaqqaf għall-Ingliż.[28] Jekk tiġi esplorata rotta għall-Malti Komunikattiv (MK), il-grupp fil-mira għandu jiġi identifikat, ikunu assessjati l-ħtiġijiet tiegħu, u jsir pjan ta' kif l-istudenti se jibbenefikaw minnu.

(b) Tipprovdi lezzjonijiet tal-Malti biex tgħin lill-impjegati barranin tagħha – li qegħdin jiżdiedu – jintegraw aħjar fis-soċjetà Maltija. Dan għandu japplika wkoll għall-istudenti barranin li jkunu jixtiequ jintegraw aktar fis-soċjetà Maltija waqt li jkunu qed joqogħdu Malta (minflok ma jibqgħu jużaw il-lingwa nattiva tagħhom u/jew jibqgħu dejjem fiċ-ċirku tal-EN). Għandhom jiġu offruti wkoll taqsimiet-studju fil-MT komunikattiv lill-istudenti Maltin fl-UM (u mhux biss lill-istudenti barranin jew lill-istudenti Maltin li ma jitkellmux bil-MT). Wara kollox, diversi postijiet tax-xogħol jew tat-taħriġ jirrikjedu livell tajjeb ta' MT u EN.

(c) Tiżgura li s-servizzi amministrattivi tal-UM jaqdu kemm lill-kelliema tal-Ingliż kif ukoll lil tal-Malti, speċjalment fil-*komunikazzjoni orali* mal-amministraturi.

(d) Tappoġġja individwi bi *bżonnijiet speċifiċi tal-lingwa*. Dawn jinkludu membri tal-komunità nieqsa mis-smigħ, persuni neqsin mid-dawl li jaf ikollhom diffikultà jaqraw/jiktbu, u dawk li jużaw Mezzi Alternattivi/Awmentattivi ta'Komunikazzjoni. Dawn tal-aħħar jistgħu jużaw xi apparat biex jgħinhom jikkomunikaw.

(e) Tħeġġeġ lill-FICS jiżviluppaw *terminoloġija bil-Malti* għall-oqsma speċifiċi tagħhom. Dan ikun parti mill-isforz li nżidu l-aċċess pubbliku għall-għarfien, u li niżguraw l-użu xieraq tal-lingwa barra mill-istrutturi tal-Università.[29]

[28] Studju li sar fost l-istudenti tal-2018-2020 taċ-Ċentru tal-Profiċjenza fil-Lingwa Ingliża wera titjib sinifikanti fit-taħdit u l-kitba bl-EN.
[29] Ikkunsidra dan l-eżempju mill-PL tal-Università ta' Uppsala fl-Iżvezja: "Skont l-Att tal-Lingwa, aġenziji governattivi bħall-Università "għandhom responsabbiltà speċjali li jiżguraw li t-terminoloġija Żvediża tintuża u tiġi żviluppata fl-

(f) Tinkludi *korsijiet u assessjar fil-MT komunikattiv* fil-programmi ta' studju kollha tal-UM fejn hemm komponent ta' prattika/servizz fil-komunità.

(g) Tikkunsidra li tespandi l-korsijiet ta' żvilupp professjonali b'oħrajn li jiffukaw fuq il-*kitba akkademika* bl-EN u/jew bil-MT.

(h) Tikkunsidra lezzjonijiet tal-Malti – għall-kelliema nattivi, għar-residenti li ma jitkellmux bil-Malti u/jew għall-ħaddiema u/jew studenti barranin – biex tingħata imbuttatura lil-leġittimità tal-użu tal-Malti; ħalli jiġi promoss l-apprezzament tal-kuntest kulturali lokali; u biex titkattar il-kunfidenza akkademika fost l-istudenti Maltin.

(i) Tikkunsidra li timpjega *qarrejja tal-provi* kkwalifikati għall-materjal tal-UM li jsir kemm bil-MT u kemm bl-EN; kif ukoll tradutturi kkwalifikati li jipprovdu taqsiriet tat-teżijiet li jsiru bil-MT (għal dawk miktubin bl-EN); u viċiversa.

(j) Tagħraf u tippromwovi, imma anke tiżviluppa fejn hemm bżonn – flimkien mal-partijiet konċernati esterni relevanti – terminoloġija bil-MT għal oqsma speċifiċi, sabiex tiżgura li l-istudenti tal-UM ikunu jistgħu jaħdmu aħjar fil-kuntest lokali.

(k) Tikkunsidra li toffri *servizzi ta' interpretar* f'xi avvenimenti u attivitajiet tal-UM.

(l) B'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali relevanti, tappoġġja l-iżvilupp ta' għodod pedagoġiċi teknoloġiċi xierqa – bħal *ċekkjatur/i*, u *dizzjunarji diġitali tal-Malti* – li jgħinu fl-użu tal-Malti korrett, kif jixraq lil lingwa nazzjonali.

---

oqsma diversi tal-kompetenza tagħhom." Meħuda minn: https://regler.uu.se/digitalAssets/760/c_760756-l_1-k_sprakpolicy-final-en1.pdf

# ANNESS – Ir-riżultati ta' stħarriġ elettroniku fost l-istudenti, l-istaff amministrattiv u akkademiku tal-UM fir-rebbiegħa tal-2020

**Il-Metodoloġija**

Dan l-istħarriġ tfassal u sar fir-rebbiegħa tal-2020. Kien hemm tliet verżjonijiet tiegħu: waħda għall-istudenti, waħda għall-akkademiċi u oħra għall-istaff amministrattiv, tekniku u industrijali. Kull waħda minn dawn il-verżjonijiet kienet disponibbli bil-Malti u bl-Ingliż.

It-tliet verżjonijiet tal-istħarriġ kellhom sett ta' mistoqsijiet komuni li ffukaw fuq l-informazzjoni demografika, l-attitudnijiet lejn il-lingwa, u fuq l-użu tal-lingwa fuq il-kampus. Il-kwestjonarji varjaw skont il-parteċipanti, billi kien hemm sett addizzjonali ta' mistoqsijiet fuq l-użu tal-lingwa f'sitwazzjonijiet li jolqtu lil gruppi partikolari fl-Università.

L-istħarriġ tqassam lill-impjegati u lill-istudenti kollha mill-Uffiċċju tar-Reġistratur. Għall-analiżi, ir-riżultati mill-verżjoni Ingliża u l-verżjoni Maltija tal-istħarriġ inġabru f'daqqa. *Kien hemm total ta' 887 kwestjonarju mimlija b'mod validu.*

**Il-Parteċipanti**
In-numru tal-parteċipanti f'kull grupp, u l-lingwa li għażlu biex iwieġbu ('Ling'), qegħdin miġburin hawn taħt.

| Irwol | Ling | Nru |
|---|---|---|
| *Akkademiku* | *MT* | 79 |
| | *EN* | 183 |
| *Amministrattiv (inklużi Gradi Industrijali u Tekniċi)* | *MT* | 94 |
| | *EN* | 124 |
| *Studentesk* | *MT* | 154 |
| | *EN* | 253 |
| **TOTAL** | | **887** |

It-tweġibiet varjaw f'kull fakultà, istitut, ċentru u skola tal-Università. Madankollu, l-akbar ammont ta' tweġibiet waslulna mill-impjegati u l-istudenti tal-Fakultà tal-Arti (49 akkademiku u 68 student).

Fost l-akkademiċi kien hemm maġġoranza ta' parteċipanti rġiel (m 152; f 103; 1 nonbinarju; 6 ippreferw li ma jistqarrux). Għall-kuntrarju, kien hemm aktar nisa li ħadu sehem fost l-istudenti (f 250; m 151; 2 nonbinarji; 5 ippreferew li ma jistqarrux) u fost l-istaff mhux akkademiku (f 141; m 81; 5 ppreferew li ma jistqarrux).

## Is-Sejbiet Ewlenin fil-Qosor

### Ċaħda

Is-sejbiet ippreżentati hawn taħt jirrappreżentaw "sommarju eżekuttiv," ibbażat fuq analiżi statistika tal-informazzjoni miġbura. Għall-iskopijiet tad-dokument ippreżentat, is-sejbiet huma ristretti għall-varjabbli ewlenin, u huma deskritti b'tali mod li jixħtu dawl fuq l-opinjonijiet u l-attitudnijiet tal-parteċipanti. F'dan is-sommarju mhumiex inklużi ċerti aspetti li joħorġu mill-analiżi, li potenzjalment jafu jkunu ta' interess, bħall-esplorazzjoni ta' relazzjonijiet bejn il-varjabbli (eż. il-Fakultà tal-parteċipant/a, l-irwol tiegħu/tagħha fl-UM u l-preferenzi lingwistiċi). Rapport sħiħ ta' dawn is-sejbiet se jiġi ppreżentat separatament.

**L-użu tal-lingwa u l-profiċjenza tal-persuna ddikjarati minnha stess**

- L-istudenti u l-akkademiċi stqarrew li aktar jużaw l-Ingliż milli l-Malti fuq il-kampus. Dan mhuwiex il-każ għall-impjegati amministrattivi li, b'mod ġenerali, jużaw aktar il-Malti milli l-Ingliż fil-kuntest universitarju. Għall-bqija tal-kuntesti (komunikazzjoni mal-familja, mal-ħbieb, u fil-privat), il-parteċipanti kollha, b'mod ġenerali, jitkellmu aktar bil-Malti milli bl-Ingliż, irrispettivament mill-irwol tagħhom.
- Il-parteċipanti stmaw li għandhom livelli differenti ta' profiċjenza fil-kitba, meta tqabbel il-qari, it-taħdit u l-fehim bil-Malti mal-Ingliż:
    - Għall-kitba u l-qari, irrispettivament mill-irwol tagħhom fuq il-kampus, il-parteċipanti jemmnu li għandhom livell ogħla ta' profiċjenza fl-Ingliż milli fil-Malti.
    - Filwaqt li l-akkademiċi stmaw li huma aktar profiċjenti li jifhmu l-Ingliż milli l-Malti, iż-żewġ lingwi kienu ras imb ras fost l-istudenti u l-istaff mhux akkademiku.
    - Għat-taħdit, l-akkademiċi jaħsbu li jinqalgħu aktar bl-Ingliż milli bil-Malti, iżda t-tendenza kienet bil-kontra għall-istudenti u l-impjegati mhux akkademiċi, partikolarment għal dawn tal-aħħar.
- Il-biċċa l-kbira tal-parteċipanti (63% sa 87% fil-gruppi kollha) jixtiequ li jkollhom profiċjenza għolja fl-Ingliż u l-Malti. Il-profiċjenza fl-Ingliż titqies aktar kruċjali milli fil-Malti.

**L-attitudnijiet lejn il-lingwa u l-identifikazzjoni kulturali**

- Il-parteċipanti ntalbu jgħidu kemm jaqblu mal-istqarrija li jħossuhom aktar komdi meta jitkellmu bil-… Prattikament instab li hemm persentaġġi ekwi bejn l-akkademiċi li 'jħossuhom aktar komdi' meta jitkellmu bil-Malti (67%) u bl-Ingliż (68%). Aktar parteċipanti fost il-ħaddiema amministrattivi u l-istudenti jħossuhom komdi jitkellmu bil-Malti (72%, 66%) meta kkumparati ma' dawk li jippreferu l-Ingliż (52%, 52% rispettivament).
- Il-parteċipanti ntalbu wkoll jgħidu kemm jaqblu mal-istqarrija li jidentifikaw ruħhom ma' kultura li hi … Il-parteċipanti fit-tliet gruppi taw rata ogħla ta' identifikazzjoni mal-kultura li titkellem bil-Malti; dan deher ħafna aktar ċar fost l-istudenti u l-istaff mhux akkademiku milli fost l-akkademiċi.

**Il-lingwa fuq il-kampus**

- Il-maġġoranza tal-parteċipanti jaraw l-Università bħala bilingwi (57%; multilingwi 17%; monolingwi EN 25%; monolingwi MT 1%).
- It-tweġibiet għal jekk jemmnux li s-sitwazzjoni lingwistika għandhiex tinbidel, jiddependu biċ-ċar minn kif, l-ewwel nett, titqies is-sitwazzjoni: il-parteċipanti li jemmnu li l-Università hi monolingwi bil-Malti jaraw li s-sitwazzjoni għandha tinbidel. Minkejja dan, għandna ngħidu li hi minoranza żgħira ħafna li tqis l-UM bħala monolingwi bil-Malti (1% tal-parteċipanti kollha).
- Il-parti l-kbira tal-gruppi kollha li ħadu sehem fl-istħarriġ ma taqbilx li s-senjaletika jew is-sit elettroniku *um.edu.mt* għandhom ikunu esklużivament monolingwi bil-Malti. It-tweġibiet kienu varjati aktar għall-mistoqsija dwar jekk is-senjaletika u s-sit għandhomx ikunu monolingwi bl-Ingliż. Madankollu, maġġoranza ċara wieġbet favur senjaletika u sit elettroniku bilingwi, kemm bil-Malti u kemm bl-Ingliż, u l-maġġoranza tal-parteċipanti qalu li jaqblu ma' dan (Senjaletika: akkademiċi = 78%; mhux akkademiċi = 85%; studenti = 83%. Sit elettroniku: akkademiċi = 67%; mhux akkademiċi = 75%; studenti = 85%).

**Il-lingwa fil-klassi (akkademiċi)**

- Fil-klassijiet u barra minnhom:
    - Il-maġġoranza (62%) jagħtu l-lekċers esklużivament bl-Ingliż.
    - Maġġoranza ċkejkna (51%) tal-akkademiċi jkellmu lill-istudenti li jgħallmu esklużivament bl-Ingliż; 25% tal-akkademiċi jgħidu li jħalltu l-Malti u l-Ingliż meta jindirizzaw lill-istudenti direttament.
    - Hemm aktar tendenza li jħalltu ż-żewġ lingwi meta jitkellmu barra mill-klassi.
- F'komunikazzjoni oħra:

- Ħafna mill-akkademiċi jippreferu jużaw l-Ingliż biex jiktbu l-kitbiet akkademiċi u l-messaġġi.
- Għal-laqgħat bejniethom, fost l-akkademiċi, hemm tendenza li jippreferu taħlita ta' Malti u Ingliż.

**Il-lingwa fil-klassi (studenti)**

- Ħafna mill-istudenti (87%) isibuha faċli jsegwu l-lekċers bl-Ingliż; madankollu, proporzjon konsiderevoli minnhom qalu wkoll li jsibuha faċli jsegwu l-lekċers kieku dawn ikunu bil-Malti (72%) jew b'taħlita ta' Malti u Ingliż (71%).
- Kien hemm distribuzzjoni simili ta' tweġibiet għall-istqarrija dwar jekk l-istudenti jippreferux li l-lekċers ikunu bl-Ingliż, bil-Malti jew b'għażla minn dawn iż-żewġ lingwi, imma kien hemm inqas qbil biex l-Ingliż ikun l-unika lingwa ta' struzzjoni (66% għażlu 'naqbel'.)
- M'hemmx preferenza ċara għall-Malti jew għall-Ingliż fid-diskors ġewwa u barra l-klassi, imma numru kbir ta' studenti jħossuhom komdi ħafna jużaw l-Ingliż fil-klassi.

**L-eżamijiet**

- Kemm l-istudenti kif ukoll l-akkademiċi juru tendenza li jippreferu l-eżamijiet bl-Ingliż. Dan jidher aktar fost l-akkademiċi.
- Fost l-istudenti, proporzjon imdaqqas jaqbel li l-eżamijiet għandhom ikunu kemm bil-Malti u kemm bl-Ingliż: 52% (jaqblu), 9% (jaqblu ftit); ikkumparat ma' 59% (jaqblu) u 12% (jaqblu ftit) li jkollhom l-eżamijiet bl-EN biss; 12% (jaqblu) u 8% (jaqblu ftit) li jkollhom l-eżamijiet bil-MT biss.

**Il-komunikazzjoni mal-kollegi**

- Ħafna mill-ħaddiema akkademiċi u amministrattivi jużaw l-Ingliż tal-anqas għal ftit mill-ħin li fih ikunu qed jikkomunikaw mal-kollegi; iż-żewġ gruppi hemm tendenza li jużaw iż-żewġ lingwi, imma aktar akkademiċi jużaw l-Ingliż biss, filwaqt li ħafna aktar impjegati amministrattivi jużaw il-Malti biss.
- L-istaff mhux akkademiku jippreferi juża l-Ingliż biss jew taħlita ta' Malti u Ingliż f'komunikazzjoni marbuta max-xogħol.
- Għall-kitba ta' rapporti jew messaġġi, l-impjegati mhux akkademiċi jippreferu l-Ingliż, filwaqt li għal-laqgħat hemm preferenza aktar qawwija ta' taħlita taż-żewġ lingwi.

**Interess f'lingwi oħra apparti l-Malti u l-Ingliż**

Il-parteċipanti ntalbu jgħidu kemm huma interessati li jieħdu korsijiet ekstrakurrikulari fil-Malti, fl-Ingliż jew f'varjetà ta' lingwi oħra, kieku jistgħu jagħżlu dawn il-lingwi.

- Il-maġġoranza tal-istudenti u l-impjegati mhux akkademiċi wieġbu li kieku jkunu interessati jtejbu l-ħiliet tagħhom fil-Malti. L-akkademiċi wieġbu l-oppost.
- Fost l-istudenti u l-akkademiċi kien hemm maġġoranza li wriet nuqqas ta' interess li ssegwi korsijiet ekstrakurrikulari fl-Ingliż. Fost l-istaff mhux akkademiku, it-tweġibiet kienu maqsumin indaqs.
- Kien hemm mistoqsijiet simili fuq l-Għarbi, il-Ġermaniż, l-Ispanjol, il-Franċiż u t-Taljan. Bl-eċċezzjoni possibbli tal-Franċiż (52% le; 48% iva), il-maġġoranza tal-akkademiċi qalu li mhumiex interessati f'korsijiet ekstrakurrikulari. Fost l-istudenti kien hemm tweġibiet simili għall-Għarbi, il-Ġermaniż u l-Franċiż, filwaqt li l-maġġoranza tagħhom urew interess f'korsijiet tat-Taljan jew tal-Ispanjol. Fost l-impjegati mhux akkademiċi, kien hemm maġġoranza mdaqqsa li wrew interess f'korsijiet ekstrakurrikulari tat-Taljan, tal-Franċiż u tal-Ispanjol, iżda kien hemm tweġibiet opposti fil-każ tal-Għarbi u l-Ġermaniż.